MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1590/2004

**Arthur Douglas Turner**

**vs**

**Joe Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mija u tnax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm112.10) rappresentanti dritt professjonali dovut lilu ghal xoghol ta' *auditing* u *accounting* ezegwit minnu ghal beneficcju u fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ mija u tnax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm112.10).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------